# MALTA
# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## ĠUDIKATUR
## DR. NADIA H. VELLA

Seduta, tad-19 ta' Mejju 2016

Talba Numru: 679/15NHV

Numru fuq il-Lista: 5

**Mapfre Middlesea plc (C-5553)**
kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Jonathan Cassar,
kif ukoll għall-istess **Jonathan Cassar**,
abbażi tal-polza ta' assigurazzjoni w tal-liġi

**Vs**

**Downner Anne Pauline Beatrice**

It-Tribunal,

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-27 ta' Awwissu 2015, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenuta tas-somma ta' elfejn, erba' mija, sebgħa u ħamsin ewro, erbgħa u disgħin ċenteżmu (€2,457.94c), rappreżentanti danni illi ġew ikkaġunati mill-intimata fil-vettura tar-rikorrenti Cassar bin-numru ta' reġistrazzjoni TAXI210M, wara illi l-intimata serqet il-vettura msemmija

fl-1 ta' Jannar 2014, għal liema danni kellha tagħmel tajjeb is-soċjeta` rikorrenti abbażi tal-polza ta' assikurazzjoni.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi iżda dehret għas-seduta li nżammet quddiem it-Tribunal fil-11 ta' Frar 2016 fejn hija kkontestat il-Kapitolu li kien ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi.

Ra l-provi miġjuba mis-soċjeta` attriċi fejn sema' lil Sean Mifsud rappreżentant ta' *Melita Unipol Insurance Agency*, lil Charles Tonna sid it-taxi involuta fil-każ odjern u lil PS491 Matthew Galea. Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ikkunsidra illi t-talba attriċi ġiet sodisfaċentement ippruvata u għalhekk għandha tiġi milqugħa.

**Deċide**

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta' elfejn, erba' mija, sebgħa u ħamsin ewro, erbgħa u disgħin ċenteżmu (€2,457.94c), bl-imgħax legali dekorribbli mit-18 ta' Marzu 2015 li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inklużi tal-ittra uffiċjali ċċitata, huma a kariku tal-konvenuta.

Jordna lir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali sabiex jittraduċi din is-sentenza fil-lingwa Ingliża, liema traduzzjoni ssir parti integrali mill-istess sentenza.

**Av. Nadia H. Vella**
**Ġudikatur**